A.L. 86 tal-2012

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2012 dwar il-Varar u l-Użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2012 dwar il-Varar u l-Użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-27 ta' Frar, 2012.

Għan.

2. Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikazzjoni ta' ITS" tfisser strument operattiv għall-implimenazzjoni ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kif stabbilita bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

"azzjonijiet ta' priorità" tfisser l-azzjonijiet ta' priorità elenkati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva;

"id-Direttiva" tfisser id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport;

"oqsma ta' priorità" tfisser l-oqsma ta' priorità elenkati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva;

"persuna" tinkludi korporazzjonijiet, kumpanniji, assoċjazzjonijiet, ditti, soċjetajiet, entitatjiet, u individwi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"servizz ta' ITS" tfisser il-forniment ta' applikazzjoni ta' ITS permezz ta' kwadru organizzattiv u operattiv definit b'mod ċar bl-iskop li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-utent, l-effiċjenza, il-kumditàu, jew biex jiffaċilita jew isostni l-operat tat-trasport u l-ivjaġġar;

"Sistema ta' Trasport Intelliġenti" jew "ITS" tfisser sistema li fiha jiġu applikati teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fis-settur tat-trasport stradali, kompriżi l-infrastruttura, il-vetturi u l-utenti, u fl-immaniġġar tat-traffiku u tal-mobbiltà, kif ukoll għal interkonnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport.

Applikazzjoni tar-regolamenti.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għall-applikazzjonijiet ta' ITS u servizzi ta' ITS fis-settur tat-trasport stradali u l-interkonnessjonijiet tagħhom ma' modi oħra ta' trasport mingħajr preġudizzju għal materji li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà nazzjonali jew meħtieġa fl-interess tad-difiża.

Rekwiżiti għas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.

5. Sistemi ta' Trasport Intelliġenti li jiġu varati jew użati bħala parti ta' azzjoni ta' prioritàf'oqsma ta' prioritàgħandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet li jkunu adottati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tad-Direttiva u l-għażla u l-varar tagħhom josservaw il-prinċipji elenkati fl-Anness II tal-imsemmija Direttiva.

Meħtieġa l-approvazzjoni tal-Awtorità.

6. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull permess li jkun meħtieġ taħt xi liġi oħra, ebda persuna ma għandha tvarja u, jew tħaddem xi Sistema ta' Trasport Intelliġenti mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorità.

(2) L-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha ssir lill-Awtorità fuq il-formola adatta u għandu jkollha magħha dawk id-dettalji kollha u dokumentazzjoni rilevanti għas-sistema li tkun se tiġi varata u, jew imħaddma.

(3) Meta l-Awtorità jkollha l-ħsieb tirrifjuta li toħroġ approvazzjoni, hija għandha tagħti lill-persuna li tkun applikat avviż bil-miktub dwar dik l-intenzjoni u dak l-avviż għandu jispeċifika l-perjodu li fih il-persuna involuta tkun tista' tressaq ilmenti lill-Awtorità.

(4) Il-perjodu msemmi fis-subregolament (3) m'għandux inkun inqas minn tletin ġurnata.

(5) L-Awtorità għandha mbagħad tiddeċiedi jekk għandhiex toħroġ jew le avviż formali ta' rifjut.

(6) Kull avviż bħal dak għandu jkun bil-miktub u għandu jsemmi r-raġunijiet li għalihom l-applikazzjoni tkun ġiet rifjutata.

Proċessar u użu ta' *data*.

7. (1) Meta l-varar u, jew l-użu ta' applikazzjonijiet u servizzi ta' ITS ikunu jinvolvu l-ipproċessar u l-użu ta' *data* dwar toroq, traffiku jew ivvjaġġar li tkun tagħmel parti minn dokumenti li jkollu korp tas-settur pubbliku, l-ipproċessar u l-użu ta' *data* bħal dik għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar l-Użu mill-Ġdid ta' Informazzjoni tas-Settur Pubbliku. L.S. 460.13

(2) Meta t-tħaddim ta' applikazzjonijiet u servizzi ta' ITS ikun jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali, l-ipproċessar ta' *data* bħal dik għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, u regolamenti li jsiru taħtu, u r-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali): Kap. 440. L.S. 399.28

Iżda, biex tkun żgurata l-privatezza, l-użu ta' *data* anonima għandu jiġi preferut, fejn u meta jkun possibbli, għat-tħaddim ta' applikazzjonijiet u servizzi ta' ITS:

Iżda wkoll li *data* personali għandha tiġi proċessata biss safejn dak l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-tħaddim ta' applikazzjonijiet u servizzi ta' ITS.

Responsabbiltà għal prodotti difettużi.

8. Meta jinħolqu kwestjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' prodotti difettużi fil-varar u, jew l-użu ta' applikazzjonijiet u servizzi ta' ITS, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 378.